MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tal-25 ta' Frar, 2015

Talba Numru. 425/2014

**Midsea Book Ltd**
**C 3169**

**Vs**

**Ramon Zammit**
**ID 395868M**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-30 ta' Gunju, 2014 fejn is-socjeta' attrici talbet illi s-socjeta' attrici qieghda titlob lill-konvenut ihallas is-somma ta' tliet elef erbgha mija u tlieta u sebghin ewro u tlieta u sttin centezmu (€3,473.63) liema somma tirrapprezenta l-ammont dovut bhala prezz ghas-servizzi prodotti lill-konvenut u spejjez relattati kif jirrizulta mill-kopja tal-fattura hawn annessa u mmarkata bhala Dokument "A".

Illi minkejja li l-konvenut gie interpellat diversi drabi sabiex ihallas din is-somma hawn fuq imsemmija u anke permezz ta' ittra ufficjali datat 19 ta' Mejju, 2014 hawn annessa u mmarkata bhala Dokument 'B', il-konvenut baqa inadempjanti.

Ghalhekk is-socjeta' attrici qieghda titlob lil dan it-Tribunal, ghar-ragunijiet premessi:

1. Tiddecidi u tiddikjara illi l-konvenut huwa obbligat ihallas is-somma dovuta ta' tliet elef erbgha mija u tlieta u sebghin ewro u tlieta u sttin centezmu (€3,473.63) lis-socjeta' attrici.

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tliet elef erbgha mija u tlieta u sebghin ewro u tlieta u sttin centezmu (€3,473.63) li tirraprezenta l-prezz ta' servizzi rezi lill-konvenut u spejjez relatati.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 19 ta' Mejju, 2014 u tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatroju pprezentat kontestwalment u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut sad-data tal-pagament effettiv, bl-ingunzjoni tal-konvenut in subizzjoni.

Il-konvenut min-naha tieghu pprezenta risposta fit-18 ta' Lulju, 2014 fejn eccepixxa illi fl-ewwel lok l-inkompetenza ta' dan it-Tribunal ratione valoris a tenur ta' artikolu 960.1 tal-Kap 12.

Minghajr prejudizzju ghas-suespost it-talbiet attrici huma preskriti a tenur ta' artikolu 2149c tal-Kap 16 tal-ligijiet ta' Malta.

Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandhom jigu michuda bl-ispejjez tal-presenti u tal-kontro-mandat fl-ismijiet premessi.

Illi permezz ta' nota tad-19 ta' Naovembru, 2014 giet irtirata l-ewwel eccezzjoni.

Permezz ta' affidavit xehed Joseph Mizzi li huwa Direttur tas-socjeta' attrici. Ix-xhud qal illi x-xoghol tas-socjeta' attrici fil-ktieb kien ta' alterations lit-text, page layout u pargination. Wara tkun tista' tippublika u tbiegh il-ktieb.

Qal illi wara li tlesta x-xoghol tal-konvenut, il-konvenut talabhom jibghatulu l-ktieb fuq pdf. Din il-pdf ma kienitx protetta u ghalhekk il-konvenut setgha jiehu li jrid minnha. Wara li nharget il-fattura l-konvenut baqa ma hallasx. Ix-xhud jghid illi s-socjeta' attrici ma kinitx kuntenta bil-ktieb ghaliex ma hassitx li kien ser jinbiegh hafna. Pero' il-konvenut insista li jkompli.

In kontro ezami Joseph Mizzi jghid illi l-konvenut kellmu bejn 2009 u 2010. Qal illi zgur fir-rebbiegha ghax il-ktieb kellu jkun lest ghal World Cup. Qal illi x-xoghol sar kemm fuq hard copy kif ukoll fuq computer. In  kontro ezami x-xhud qal illi x-xoghol ma lestewhx kollu imma 75% minnu peress illi l-attur ma kienx lesta. Qal ukoll illi pdf kien illokjat u setghux isiru iktar corrections fuqu.

Xehed Edwin Catania permezz ta' affidavit u qal illi s-socjeta' attrici ghamlet xohghol fuq il-ktieb tal-konvenut. Qal illi hu kien l-iktar wiehed li hadem fuq il-ktieb. Qal illi kif tlesta x-xoghol baghtulu il-ktieb f'forma pdf u wara harget il-fattura. Pero l-konvenut qatt ma mar ihallas.

Xehed Ramon Zammit u spjega li l-ktieb hadlu tmien snin biex kitbu u anki xtara r-rights tar-ritartti li fih. Wara li kitbu wasal ghall-pubblikazzjoni u rid li johrog qabel il-World Cup peress illi min jixtrieh kien ser jixtrieh fil-furja tal-World Cup. Ried jinhareg bejn Frar u Marzu 2010 qabel il-World Cup. Dan kien il-ftehim mas-socjeta' attrici. Qal illi Joseph Mizzi qatt me kellu fiducja fil-ktieb. Il-konvenut qal illi hu ghadda l-ktieb kollu fuq CD. Filfatt ikkonferma li l-ktieb kien lest. Joseph Mizzi f'Gunju, 2009 qallu li kien ghadu z-smien u l-konvenut peress illi ma jifhimx fil-printing halla f'idejh. Qal illi l-ewwel chapter tlestit mill-proof reading f'April 2010 meta l-ktieb kellu jkun lest kollu bejn Frar u Marzu 2010. Kienu waslu f'punt li kien tard wisq biex johrog il-ktieb ghal World Cup.

Il-konvenut cahad li qatt ha l-informazzjoni li l-ktieb kien lest mis-socjeta' attrici u lest ghal printing. Il-quotation tal-printing kellha d-data10 ta' Mejju, 2010 u dan kien tard wisq ghal World Cup. Is-Socjeta' attrici qalet illi kien gej gholi wisq. Minhabba dan il-konvenut kien tilef sponsor tal-HSBC li kien ser jghatih elfejn ewro (€2,000).

In kontra ezami l-konvenut jghid illi metafl-2010 gie mitlub il-grey tables minkejja li qal illi x-xoghol kien lestieh fil-bidu jispjega illi t-text kien lest izda intghogbu l-kuluri li uza hu. Il-konvenut jispjega illi kien qed jghin fil-proof reading kinhabba li z-zmien kien dahal. Kompla billi jghid illi dan kien lest illi x-xoghol u li umanament mhux possibli li tlesti zewg kapitli f'jumenjn kif jidher li ntbaghtu mill-konvenut. Dawn kien ghadu ghall-proof reading.

It-Tribunal ra d-dokumenti pprezentati u semgha x-xhieda mressqa u sema l-partijiet huwa tal-fehma illi s-servizz illi tat is-socjeta' attrici jaqa' that l-Artiklu 2149c. Filfatt il-perjodu ghadda bejnl3-2010 u l-ittra ufficjali li ntbaghattet fis-sena 2014. Ghalhekk it-talba attrici hija preskritta u ma tistax tigi milqugha.

Inoltre dan mix-xhieda johrog car illi l-ftehim bejn il-partijiet kien li l-ktieb jitlesta sal-World Cup anzi zmien qabel halli jinbiegh fil-furja tal-World Cup. Minkejja dan il-ftehim il-ktieb ma tlestiex qabel il-World Cup u cioe fiz-zmien mifthiem bejn Frar u Marzu, 2010.

Il-partijiet kellhom spjegazzjoni differenti fejn is-socjeta' attrici qalet illi kien il-konvenut li ma lestiex ricerki, il-konvenut qal illi l-ktieb kien lest u kienet is-socjeta' attrici li ma lestietx ix-xoghol taghha.

It-Tribunal issibha difficli li jemmen l-konvenut wara li kien ilu jikteb il-ktieb ghal tmien snin, jigbor l-informazzjoni fuqu u sahansitra xtara r-rights tar-ritratti, kien ser imur ghand is-socjeta' attrici b'nofs ktieb. Lanqas jista wiehed jghid illi mar waqt li kien ghadu kiteb nofs il-ktieb biex jiehu parir jekk jippublikahx jew le ghaliex il-konvenut deher deciz li jippubblika anki meta s-socjeta' attrici ma kellhiex fiducja fil-ktieb. Ghalhekk it-Tribunal isibha difficli li jemmen li meta l-konvenut mar ghand is-socjeta' attrici kien ghadu ma lestiex il-ktieb.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jichad it-talba attrici u jilliberha l-konvenut mill-hlas mitlub.

L-ispejjez tal-kawza ghandhom jithallsu mis-socjeta' attrici.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------